MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Numru 1031/2003

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
NICHOLAS CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Nicholas Camilleri, ta' 24 sena, iben Albert u Carol Ann nee' Woodhead, imwieled Attard fil-5 ta' Jannar 1979, residenti *Seabreeze*, Triq Raddett ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 39779(M).

Illi huwa akkuzat talli f'Santa Venera, fil-Mosta, u f'diversi bnadi madwar dawn il-Gzejjer, inkluz f'Ghawdex, fid-19 ta' Frar 2003; fil-21 ta' Frar 2003; u fid-9 ta' Marzu 2003 u matul ix-xahar ta' April 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe' firma ta' Louie R. Naudi fuq diversi *invoices* datati 19 ta' Frar 2003 u dati ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
2) U aktar talli xjentament ghamel uzu minn din il-firma, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3) U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-kwerelant Louie Naudi, wegghu bil-kliem, u dana billi attribwilu ma' terzi, fosthom imma mhux limitatament, Dr. Philip Von Brokdorff tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Editur tal-**Union Press** fatti mhux vera, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.19) u dak ta' l-imputat (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat tat-2 ta' Mejju 2006 (ara fol.42);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat, Nicholas Camilleri, hati ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuza, mhux hati tat-tielet (3) akkuza dwar malafama fuq nuqqas ta' provi u wara li rat Artikoli 167 u 169 tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sena taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovanili ta' l-imputat u l-fatt illi huwa *a first offender*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------